IN MEMORIAM

# IL-MEWT TA' MONS. KANT.

## DUN PAWL GALEA, J.C.D.

B'għafsa ta' qalb, din id-darba wkoll, wara l-aħbar kerha tal-mewt ta' wieħed mill-egħżeż ħbieb tal-"Għaqda", kellna nħożżu b'l-iswed f'waħda mill-faċċati tagħna, l-aħbar mhux inqas kerha tal-mewt ta' wieħed mill-iktar anzjani fost il-Membri tal-"Għaqda" — jiġifieri ta' **Mons. Dun Pawl Galea** — President Onorarju tal-"Għaqda" — li kellu l-mertu kbir li jiftħilna l-megħdija tat-twelid tal-"Għaqda" u ta' din ir-rivista.

Billkemm kienet għaddiet sena, li ismu żżejjen bil-ġieh tal-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi" għall-merti tiegħu bħala wieħed mill-ewwel ħaddiema għall-moviment u progress tal-Malti meta Mons. Dun Pawl Galea, taħt it-toqol taż-żmien u tax-xogħol tal-moħħ, is-Sibt, id-29 tax-xahar ta' Novembru li għadda, fil-5 ta' fil-għodu, wara ħass ħażin ta' ħamest ijiem, kien għalaq għajnejh għal dejjem.

Fuq il-ħidma tiegħu għall-Malti, li hu kien tant iħobb u jgħożż għidna biżżejjed fl-editorjal ta' Marzu ta' dis-sena, kif ukoll intqal fil-wisa' fid-diskorsi li saru fl-okkażjoni taċ-ċerimonja li saritlu tal-Preżentazzjoni tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi" u m'għandniex għalfejn intennuhom lill-qarrejja tagħna, għallinqas din id-darba. Ngħidu biss illi l-mewt ta' Dun Pawl— kif dlonk kien iħobb iniżżel ismu fl-artikoli tiegħu f'din ir-Rivista —wara dik ta' sieħbu Ġużè Muscat Azzopardi, fil-ħidma tal-Malti, hija telfa ta' waħda mill-ewwel żewġ kolonni sħaħ tal-bini tal-"Għaqda".

Jalla t-tifkira ta' wieħed u l-ieħor jibqgħu ħajjin fostna kif jixraq li għandhom jibqgħu biex dejjem tħeġġiġna nimxu wara l-istampa li ħallew tal-passi tagħhom.